

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. L-Enerġija Rinnovabbli: attur ewlieni fis-suq Ewropew tal-enerġija”

COM(2012) 271 final

(2013/C 44/24)

Relatur: **is-Sinjura SIRKEINEN**

Nhar is-6 ta' Ġunju 2012, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — L-Enerġija Rinnovabbli: attur ewlieni fis-suq Ewropew tal-enerġija

COM(2012) 271 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar is-26 ta' Novembru 2012.

Matul l-485 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2012 (seduta tat-13 ta' Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'163 vot favur, 30 vot kontra u 26 astensjoni.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jilqa' din il-Komunikazzjoni, li tiftaħ diskussjoni bżonjuża dwar it-twaqqif mill-ġdid tal-politika dwar is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-politiki li jappoġġjawha.

1.2 Il-KESE jinsab imħasseb tassew dwar il-prezzijiet dejjem jogħlew għall-utenti tal-enerġija, inkluż l-ispejjeż għoljin ta' ħafna skemi ta' appoġġ nazzjonali. Dan l-iżvilupp qed isib oppożizzjoni dejjem ikbar. Il-Kumitat jappella lill-Kummissjoni tħejji studju dwar it-tendenzi tal-ispejjeż attwali u antiċipati fil-futur għas-settur tal-enerġija kollu kemm hu. Il-Kumitat jappoġġja l-oġġettiv li l-ispejjeż jitbaxxew jew li jinżammu baxxi kemm jista' jkun u li jiġi żgurat li t-teknoloġiji tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jsiru kompetittivi u fl-aħħar mill-aħħar xprunati mis-suq.

1.3 Fil-fehma tal-Kumitat, sistema pan-Ewropea ta' skemi komuni, imfassla apposta għal kull teknoloġija, għandha l-aħjar ċans li tilħaq ir-rekwiżiti ta' effiċjenza u s-suq intern. L-iskemi għandu jkollhom skadenza definita, sakemm it-teknoloġiji jkun kompetittivi, minflok ma jagħtu kumpens żejjed, u għandhom jiżguraw l-appoġġ għas-soluzzjonijiet lokali fuq skala żgħira. Madankollu, sakemm is-suq intern tal-enerġija ma jiffunzjonax sew, l-iskemi ta' appoġġ għandhom jiffasslu għal kull żona ta' prezz tal-elettriku jew Stat Membru.

1.4 Minflok ma niffokaw l-isforzi ewlenin fuq mudell ċentralizzat, għandna nagħmlu enfasi ikbar biex jiġi xprunat l-iżvilupp

ta' soluzzjonijiet lokali deċentralizzati. Dawn l-isforzi jistgħu u għandhom ikunu xprunati mill-benefiċċju lokali. Ir-regolamenti, il-miżuri ta' appoġġ u l-aċċess għan-netwerks għandhom ikunu ċari, sempliċi u affidabbli sabiex tiġi faċilitata l-parteċipazzjoni tal-manifatturi ż-żgħar (tal-karozzi).

1.5 It-teknoloġiji tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli joffru opportunitajiet kbar bħalma joffru wkoll teknoloġiji oħra li jużaw livell baxx ta' karbonju: il-faħam nadif, il-ħżin tal-elettriku, ir-reazzjoni għad-domanda, l-użu tal-karbonju, il-fissjoni u l-fużjoni nukleari, jew it-tnaqqis ta' gassijiet oħra b'effett ta' serra, bħall-metan eċċ. F'ħafna każijiet, l-iżviluppi diġà huma promettenti b'mod ċar, u għandhom jitħeġġu b'mod adegwat. B'mod partikolari, għandhom jiġu appoġġjati l-miżuri li juru kif jintużaw u l-użu bikri tat-teknoloġiji l-ġodda.

1.6 Il-KESE jirakkomanda li l-Kummissjoni tiffoka l-ħidma futura tagħha ta' wara l-2020 fuq politika ta' dekarbonizzazzjoni. Din il-politika fl-aħħar mill-aħħar tista' ma tkun ibbażata fuq l-ebda mira għall-enerġija rinnovabbli, imma minflok fuq mira ta' tnaqqis ċar fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, b'konformità mal-bżonnijiet ta' tnaqqis fit-tul tal-gassijiet b'effett ta' serra, u prezz tal-karbonju li jkun għoli biżżejjed biex jixpruna miżuri ta' effiċjenza aħjar u li jikkontribwixxi għal riċerka u żvilupp u investimenti mill-atturi rilevanti, imma li ma jkunx għoli wisq għall-konsumatur u l-kompetittività industrijali. Barra minn hekk, hemm bżonn miżuri mmirati biex jixprunaw l-iżvilupp ta' teknoloġiji futuri tas-soris tal-enerġija rinnovabbli u l-investment fihom, li fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għal bidla ġenwina. Dawn il-miżuri idealment għandhom ikunu komuni għall-UE kollha u mfassla apposta għal kull teknoloġija.

1.7 Il-Kumitat bi pjaċir jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-passi li għandhom jittieħdu fil-futur qarib biex jittiejeb il-qafas attwali għall-enerġija rinnovabbli. L-azzjonijiet għall-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fis-swieq tal-enerġija, inklużi l-kwistjonijiet tal-konnessjoni mal-grilja, l-ibbilanċjar u t-tariffi tal-grilja, għandhom jittieħdu mingħajr dewmien.

2. Daħla

2.1 L-użu ikbar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli (RES) huwa ċentrali għall-politika tal-enerġija attwali tal-UE u huwa mistenni jikkontribwixxi kemm għat-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra u għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija kif ukoll għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda. B'mod konsistenti, l-għan tal-UE għall-użu tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli ta' 20 % sal-2020 huwa mira ewlenija tal-Istrateġija Ewropa 2020.

2.2 Għal iktar minn għaxar snin, il-KESE, f'bosta Opinjonijiet tiegħu, appoġġja l-għan li jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli u ta l-kummenti u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar il-politiki proposti abbażi tal-esperjenza Prattika fi ħdan is-soċjetà ċivili⁽¹⁾.

2.3 L-iżvilupp tal-użu tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli kien pożittiv s'issa, u bħalissa, skont il-Kummissjoni jinsab lil hinn mit-triq lejn l-għan ta' 20 %. Fid-dawl tal-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 l-iżvilupp pożittiv fil-futur għandu jiġi żgurat. It-tkabbir sod fl-użu tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli huwa wieħed mill-għażliet "mingħajr dispjaċir" ta' dan il-pjan direzzjonali. FLulju 2012, il-KESE ħareġ l-Opinjoni tiegħu dwar il-pjan direzzjonali, fejn appoġġja din il-konklużjoni ġenerali dwar is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli⁽²⁾.

2.4 Iż-żieda mħaffa fl-użu tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli qed tqajjem kwistjonijiet ta' spejjeż, ta' influwenza fis-suq tal-enerġija u ta' bżonnijiet infrastrutturali. Għalhekk, huwa mument tajeb biex jitqiesu l-għażliet ta' politika futuri. L-investituri diġà qed iħarsu lil hinn mill-2020, u jeħtieġu wkoll sinjali ċari ta' politiki futuri biex ikunu jistgħu jilhqqu l-livell għoli ta' investment meħtieġ f'dan il-qasam.

3. Il-proposta tal-Kummissjoni

3.1 L-għan tal-Kummissjoni huwa li tkompli tiżviluppa l-enerġija rinnovabbli u tippromovi soluzzjonijiet innovattivi. Skont il-Kummissarju tal-Enerġija, biex dan isir b'mod kosteffiċjenti, fi ftit kliem dan ifisser li rridu nipproduċu enerġija mir-riħ u mix-xemx fejn dan jagħmel sens ekonomiku u niskambjawha fl-Ewropa.

3.2 Il-Kummissjoni qed tappella għal approċċ Ewropew iktar koordinat ta' skemi ta' appoġġ u użu ikbar ta' skambju ta' enerġija rinnovabbli bejn l-Istati Membri.

3.3 Il-Komunikazzjoni tiddiskuti sfidi f'waqthom u għażliet ta' politika potenzjali fl-oqsma li ġejjin:

— l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fis-suq intern,

— il-ftuħ tas-suq tal-elettriku u l-enerġija rinnovabbli,

— it-trasformazzjoni tal-infrastruttura tagħna,

— il-konsumaturi jingħataw aktar setgħa,

— l-ixprunar tal-innovazzjoni tat-teknoloġija, u

— l-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-enerġija rinnovabbli.

3.4 Il-Kummissjoni ser tnedi proposti għal reġim ta' politika tal-enerġija rinnovabbli għall-perjodu wara l-2020. Sabien jinbeda l-proċess biex jitqiesu l-għażliet, fil-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanjah, il-Kummissjoni tesplora tliet għażliet ta' politika għal wara l-2020:

1) Id-dekarbonizzazzjoni mingħajr miri tal-enerġija rinnovabbli, b'dipendenza fuq il-miri tat-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra u s-suq tal-karbonju.

2) It-tkomplija tar-reġim attwali bil-miri vinkolanti nazzjonali tal-enerġija rinnovabbli, kif ukoll it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u l-miri tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija.

3) Ġestjoni mtejba u iktar armonizzata tas-settur sħiħ tal-enerġija b'mira globali għall-użu tal-enerġija rinnovabbli għall-UE.

It-tqabbil tal-għażliet juri li, f'it jew wisq, l-għażliet 1) u 2) huma naqra aħjar mill-għażla 3) biex jiġu sodisfatti l-kriterji stabbiliti mill-Kummissjoni. L-ebda għażla m'hija ħielsa mill-problemi fir-rigward tal-kriterji stabbiliti.

3.5 Fl-aħħar nett, il-Komunikazzjoni tindika erba' oqsma ewlenin fejn l-isforzi għandhom jiżdiedu sal-2020: is-suq tal-enerġija, l-iskemi ta' appoġġ, il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u l-kooperazzjoni tal-enerġija fil-Mediterran.

(1) ĠU C 65, 17.3.2006, p. 105-113. (Mhux disponibbli bil-Malti).

(2) ĠU C 229, 31.7.2012, p. 126-132.

4. Il-kummenti tal-KESE

4.1 Il-KESE jilqa' din il-Komunikazzjoni, li tiftaħ diskussjoni b'zonjuza dwar it-twaqqif mill-ġdid tal-politika dwar is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-politiki li jappoġġjawha. Il-Kumitat b'mod ġenerali jaqbel ukoll mal-analiżi tal-Kummissjoni dwar il-qagħda, l-isfidi u l-għażliet attwali. B'żieda ma' dan, il-Kumitat iressaq il-kummenti li ġejjin.

L-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fis-suq intern

4.2 Il-Kumitat bi pjaċir jinnota li l-Kummissjoni tindika n-nefqa u l-ispejjeż li qed jiżdiedu b'rata mgħaġġla fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli – minkejja t-tnaqqis fl-ispiża għal kull unità – kif ukoll l-ispejjeż previsti għall-investimenti fil-produzzjoni, l-infrastruttura/grilji u l-enerġija għall-ibbilanċjar. Il-KESE jinsab imħasseb tassew dwar il-prezzijiet dejjem jogħlew għall-utenti tal-enerġija, ħaġa li jista' jkollha impatt sproporzjonat fuq il-konsumaturi bi dħul baxx, inkluż l-ispejjeż għoljin ta' ħafna skemi ta' appoġġ nazzjonali. Dan l-iżvilupp qed isib oppożizzjoni dejjem ikbar. Anke l-ispiża għal kull unità tista' ma tkomplix tonqos bit-rata attwali meta l-biċċa l-kbira tal-għażliet tal-kosteffiċjenza jkunu ġew sfruttati. Il-Kumitat jappella lill-Kummissjoni tħejji studju dwar it-tendenzi tal-ispejjeż attwali u antiċipati fil-futur għas-settur tal-enerġija kollu kemm hu. Il-Kumitat jappoġġja l-oġġettiv li l-ispejjeż jitbaxxew jew li jinżammu baxxi kemm jista' jkun u li jiġi żgurat li t-teknoloġiji tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jsiru kompetittivi u fl-aħħar mill-aħħar immxija mis-suq.

4.3 Fir-rigward tal-iskemi ta' appoġġ, il-Kumitat jaqbel li bidliet fhafna skemi nazzjonali matul il-perjodu li tħaddmu fih ħolqu problemi serji. Barra minn hekk, il-politiki fuq perjodu qasir, li ma jkoprox l-ispejjeż addizzjonali reali għall-investituri, mhumix sodisfaċenti. Il-prevedibbiltà, u anke l-kosteffikaċja tal-iskemi, għandha tiġi żgurata, u l-kompetittività fit-teknoloġija għandha tiġi mħeġġa. Għalhekk l-enfasi fuq l-esponiment għall-prezzijiet tas-suq hija ġusta. Hemm b'żonn ukoll spinta mill-Kummissjoni għal skema ta' appoġġ, anke biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern u fl-aħħar mill-aħħar biex issidji jiġu eliminati b'mod gradwali.

4.4 Sistema Ewropea unika li tkopri t-teknoloġiji kollha tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli ma tkunx eżattament effiċjenti. Minflok, hemm b'żonn sistemi flessibbli, adattati għall-maturità ta' kull teknoloġija u ċ-ċirkostanzi differenti. Fil-fehma tal-Kumitat, sistema pan-Ewropea ta' skemi komuni, imfassla apposta għal kull teknoloġija, għandha l-aħjar ċans li tilħaq ir-rekwiżiti ta' effiċjenza u s-suq intern. L-iskemi għandu jkollhom skadenza definita, sakemm it-teknoloġiji jkunu kompetittivi, minflok ma jipprovdu għal kumpens żejjed. Hemm b'żonn skemi adatti għas-soluzzjonijiet lokali fuq skala żgħira (ara l-punt 4.11).

4.5 Madankollu, sakemm is-suq intern ma jkunx għadu qed jiffunzjona sew u sakemm ikun hemm differenzi fil-prezzijiet, minħabba nuqqas ta' implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE u konġestjoni fl-infrastruttura tat-trasmissjoni, l-iskemi ta' appoġġ għandhom jiffasslu skont kull żona ta' prezzar/Stat Membru sabiex l-effiċjenza tinkiseb bl-aħjar mod u jiġi evitat il-kumpens żejjed.

4.6 Fir-rigward tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-kummerċ, il-Kumitat huwa ferm favur iktar kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-enerġija, tabilħaqq politika komuni tal-UE reali għall-enerġija, jiġifieri Komunità Ewropea tal-Enerġija (KEE). Il-Kumitat jappoġġja wkoll il-proposti f'dan l-kapitolu tal-Komunikazzjoni.

Il-fuħ tas-suq tal-elettriku u l-enerġija rinnovabbli

4.7 Il-Kumitat jaqbel mal-kummenti tal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa u l-isfidi tal-integrazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-suq intern tal-elettriku. Is-sinjali tal-prezzijiet tas-suq, inkluż dawk tal-karbonju fi h'dan l-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (EU ETS), iridu jkunu komprensivi sabiex jixprunaw sew l-investimenti. Il-Kumitat jappoġġja l-prinċipju li l-produtturi kollha tal-enerġija, inklużi l-produtturi tal-enerġija rinnovabbli, għandhom jieħdu l-istess responsabbiltajiet fir-rigward tal-ibbilanċjar.

4.8 "Pagamenti tal-kapaċità" bbażati fuq l-istima tal-gvern tal-kapaċità meħtieġa huma problematiċi, peress li huma ġġustifikati sakemm is-sinjali tas-suq ma jiżgurawx il-kosteffiċjenza ta' dawn l-impjanti. Jekk hemm b'żonn suq tal-kapaċità dan għandu jkun pan-Ewropew, l-ewwel nett possibbilment fil-livell reġjonali jew għall-inqas ikkoordinat mal-pajjiżi ġirien fi h'dan l-UE.

4.9 Il-problema tal-prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa, li jonqsu wisq minħabba s-sehem dejjem ikbar tal-enerġija mir-riħ u mix-xemx bi spejjeż marġinali kważi żero, trid tiġi analizata u kwantifikata iżjed. L-effett oppost tal-iskambju tal-emissjonijiet għandu jiġi kkunsidrat. Żieda fl-elettriku mis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli x'aktarx twassal għal volatilità ikbar tal-prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa, ħaġa li toħloq problemi oħra. Fi kwalunkwe każ, l-ispiża marġinali baxxa tal-elettriku ma tfissirx bilfors prezz iktar baxx għal min juża l-elettriku, billi l-utent b'mod jew ieħor ser iħallas għall-investimenti u l-produzzjoni kollha, inklużi t-trasmissjoni, l-ibbilanċjar u l-appoġġ.

It-trasformazzjoni tal-infrastruttura tagħna

4.10 Il-KESE laqa' u ħareġ Opinjoni dwar il-pakkett tal-infrastruttura tal-enerġija (COM(2011) 658) ⁽³⁾, u l-enfasi issa hija fuq il-bżonn li jiġi adottat u implimentat. Madankollu, jekk l-għan jiġi stabbilit kif spjegat mill-Kummissarju għall-Enerġija bħala "l-produzzjoni tal-enerġija mir-riħ u mix-xemx fejn dan jagħmel sens ekonomiku u tinbiegħ fl-Ewropa", l-ispejjeż għall-investimenti fl-infrastruttura neċessarja jistgħu jkunu għoljin b'mod inaċċettabbli. Anki l-problemi ta' aċċettazzjoni pubblika jistgħu jżidu l-ispiża u r-riskji politiċi.

4.11 Għandha ssir enfasi ikbar fuq li jiġi xprunat l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet lokali deċentralizzati. Dawn jistgħu u għandhom jiġu xprunati mill-benefiċċji lokali u jkopru teknoloġiji differenti, bħall-bijomassa (inklużi r-residwi) u l-enerġija ġeoterma li minbarra l-enerġija mir-riħ u mix-xemx, skont iċ-ċirkostanzi lokali. Ir-regolamenti, il-miżuri ta' appoġġ u l-aċċess għan-netwerks għandhom ikunu ċari, sempliċi u affidabbli sabiex tiġi faċilitata l-parteċipazzjoni tal-manifatturi ż-żgħar (tal-karozzi). Il-ħolqien ta' sistemi ta' enerġija ibridi lokali marbuta ma' grilji u ġestjoni intelliġenti jagħmluha possibbli li tinkiseb l-awtosuffiċjenza fl-enerġija fil-livell lokali. Madankollu, dan l-approċċ għandu wkoll il-limitazzjonijiet tiegħu, peress li hemm bżonn l-iktar l-enerġija tal-ibbilanċjar ibbażata fuq il-karburanti fossili, għax m'hemm l-ebda soluzzjoni reali u affordabbli għall-ħżin tal-elettriku (referenza: Friedrich Wagner, Max-Planck-Institut für Plasmaphysik: *Features of an electricity supply system based on variable input* (Karatteristiċi ta' sistema tal-provvista tal-elettriku bbażata fuq kontribut varjabbli)).

Il-konsumaturi jingħataw aktar setgħa

4.12 M'hemmx għalfejn ngħidu, l-interessi tal-konsumatur huma ċentrali fil-fehmiet tal-KESE dwar l-enerġija, u dan ġie żviluppat f'bosta Opinjonijiet preċedenti ⁽⁴⁾. Waħda mill-kwis-tjonijiet hija l-kumpens bejn prezzijiet għoljin tal-enerġija bħala inċentivi għall-iffrankar u r-riskju tal-faqar tal-enerġija. Il-Kumitat jaqbel mal-approċċ tal-Kummissjoni li tagħti aktar setgħa lill-konsumatur – mingħajr il-parteċipazzjoni attiva tal-konsumatur ma jistgħux jinkisbu riżultati tajbin. Wieħed mill-aspetti li jistħoqlu iżjed attenzjoni huwa li l-libertà tal-għażla tal-konsumatur tiġi żgurata fil-prattika.

4.12.1 Kif stqarr il-Kumitat diversi drabi, is-sensibilizzazzjoni u l-edukazzjoni huma kruċjali biex il-konsumaturi jingħataw is-setgħa. F'dan il-kuntest, il-konsumaturi għandhom jingħataw informazzjoni ċara u aċċessibbli faċilment dwar is-sehem tagħhom fl-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli, ħaġa li normalment bħala figura tal-ispiża totali nazzjonali għall-appoġġ tal-

enerġiji rinnovabbli per capita. Idealment din l-informazzjoni tiddaħħal fil-fatturi tal-enerġija.

L-ixprunar tal-innovazzjoni u t-teknoloġija

4.13 It-teknoloġiji tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli joffru opportunitajiet kbar bħalma joffru wkoll teknoloġiji oħra għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-gassijiet b'effett ta' serra: il-faħam nadif, il-ħżin tal-elettriku, ir-reazzjoni għad-domanda, l-użu tal-karbonju, il-fissjoni u l-fużjoni nukleari, jew it-tnaqqis ta' gassijiet oħra b'effett ta' serra bħall-metan, eċċ. F'haġna każijiet, l-iżviluppi huma promettenti b'mod ċar, u għandhom jitħeġġu b'mod adegwat. Kif diġà indika l-KESE haġna drabi, huwa importanti li l-istrumenti finanzjarji jiġu mfaġġa u mmirati b'mod korrett fir-rigward tal-maturità tat-teknoloġiji. B'mod partikolari, għandhom jiġu appoġġjati l-miżuri li juru kif jintużaw u l-użu bikri tat-teknoloġiji l-ġodda. Għal din ir-raġuni, ir-riżorsi tas-SET-Plan għandhom ikunu żgurati. L-azzjoni hija urġenti – jidher li s-settur tal-kumpaniji fl-Istati Uniti dal-aħħar żied l-investimenti globali fir-riċerka u l-iżvilupp tal-enerġija, b'konsegwenzi potenzjali għall-kompetittività Ewropea.

4.14 Jidher li l-Kummissjoni tqis li l-finanzjament komuni suffiċjenti u l-miri vinkolanti huma xpruni adatti għall-innovazzjoni u għall-hekk għall-impjeggi. Iżda dawn waħidhom mhumiex garanzija ta' riżultati effiċjenti. Hemm bżonn ukoll swieq miftuħa u kompetizzjoni li tiffunzjona, billi l-kompetizzjoni tixpruna l-intrapriżi lejn l-innovazzjoni u t-tiġdid.

L-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-enerġija rinnovabbli

4.15 Is-sostenibbiltà tas-sistema tal-enerġija kollha kemm hi hija għan neċessarju. Dan jgħodd għall-elementi kollha, mhux biss il-bijoenerġija. L-impatti ambjentali u territorjali assoċjati mal-użu tad-diversi sorsi ta' enerġija rinnovabbli jvarjaw. Hemm bżonn kriterji ta' sostenibbiltà għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u bl-istess mod, l-għajjuna finanzjarja mill-fondi tal-UE għandha tingħata biss jekk l-akkwist tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli jilħaq dawn il-kriterji. Il-Kumitat jappoġġja l-messaġġi tal-Komunikazzjoni dwar is-sostenibbiltà tal-bijoenerġija, biż-żieda li kull proposta għal m'għandhiex iżżid il-piż amministrattiv tal-produtturi u l-utenti. Ir-rekwiżiti għandhom ikompli kemm jista' jkun fuq is-sistemi eżistenti relatati għall-monitoraġġ u r-rappurtar, bħal dawk għall-forestrija sostenibbli applikata f'haġna Stati Membri.

Il-politiki dwar l-enerġija rinnovabbli wara l-2020

4.16 Kif semma fil-punt 2.4, fil-fehma tal-KESE hemm bżonn li nibdew inħejju għal politika dwar l-enerġija rinnovabbli għal wara l-2020.

⁽³⁾ ĠU C 143, 22.5.2012, p. 125-129.

⁽⁴⁾ ĠU C 44, 11.2.2011, p. 53-56; ĠU C 48, 15.2.2011, p. 81-86; ĠU C 68, 6.3.2012, p. 15-20.

4.17 Fil-Valutazzjoni tal-Impatt (li mhuwiex impekkabbli għalkollox, fih tabelli neqsin, eċċ.) il-Kummissjoni għall-ewwel ressetet għażla fejn kollox jibqa' għaddej, għażla li l-Kumitat ma jaċċettahix. Fir-rigward tat-tliet għażliet l-oħra għal qafas politiku futur, f'dan l-istadju, il-Kumitat jinsab imħasseb dwar dawn il-punti li ġejjin:

4.17.1 L-għażla tad-dekarbonizzazzjoni mingħajr il-miri għas-sorsi ta' enerġija sostenibbli wara l-2020 ma tidhirx li tiżgura tkabbir ċert fl-użu tal-enerġija rinnovabbli. Madankollu, din l-għażla hija l-iktar adatta għal suq tal-enerġija miftuħ u tagħti l-iktar riżultati kosteffettivi. Din l-għażla tista' anke ssaħħaħ l-EU ETS. L-iżvilupp pożittiv tal-użu tas-sorsi ta' enerġija sostenibbli jidher ħaġa ċerta taħt din l-għażla fid-dawl tal-iżvilupp sod li sar s'issa, ir-riċerka u l-iżvilupp u investimenti oħra eżistenti u li qed jiżiedu, miri vinkolanti dwar il-klima u politiki futuri deskritti mill-Kummissjoni.

4.17.2 Il-kontinwazzjoni tas-sistema attwali b'miri nazzjonali vinkolanti tkun effettiva u benefiċjali tal-inqas għal parti mis-settur tal-intrapriżi tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Madankollu, dan ma jiżgurax il-kosteffiċjenza tad-dekarbonizzazzjoni. Il-prezzijiet stabbiliti taħt din l-għażla jheddu 'l-ETS b'mod gravi. L-Istati Membri mill-ġdid ikollhom ifasslu l-politiki proprji tagħhom biex jiżguraw il-konformità, ħaġa li xxekkel it-tħaddim tas-suq intern tal-enerġija minkejja l-isforzi kollha għat-titjib tal-kooperazzjoni u l-kummerċ. Il-miri vinkolanti rnexxilhom jgħinu jixprunaw l-iżviluppi fit-teknoloġija tas-sorsi ta' enerġija sostenibbli fl-UE, iżda dan jista' ma jibqax argument b'saħħtu.

4.17.3 Fil-fehma tal-KESE, l-għażla ta' ġestjoni uniformi b'objettivi ambizzjużi fil-livell tal-UE jista' jkollha bosta vantaġġi qawwija b'konformità mal-kunċett tal-KEE^(?). Sakemm ma

jkunux għadhom ġew stabbiliti l-miri tat-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra li jkunu konformi mal-bżonnijiet ta' tnaqqis fit-tul, din l-għażla għandha tingħata preċedenza. Madankollu, ir-riskji notati mill-Kummissjoni, ta' spejjeż ogħla u d-diffikultà tal-aċċettazzjoni mill-pubbliku, jidheru rilevanti. Barra minn hekk, probabbilment ikun hemm bżonn li tinħoloq struttura amministrattiva ġdida kbira.

4.18 Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiffoka l-ħidma futura tagħha fuq linja politika għal wara l-2020, ibbażata l-iktar fuq l-ewwel għażla. Din il-politika ta' dekarbonizzazzjoni ma tkun ibbażata fuq l-ebda mira għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, iżda fuq mira ċara ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, prezz tal-karbonju li jkun għoli biżżejjed biex jixpruna miżuri ta' effiċjenza aħjar u tikkontribwixxi għal riċerka u żvilupp u investimenti mill-atturi rilevanti, imma li ma jkunx għoli wisq għall-konsumatur u l-kompetittività industrijali. Barra minn hekk, hemm bżonn miżuri mmirati biex jixprunaw l-iżvilupp ta' teknoloġiji tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-investiment fihom, li fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għal bidla ġenwina. Dawn il-miżuri idealment għandhom ikunu komuni għall-UE kollha u mfassla apposta għal kull teknoloġija.

Passi li jmiss

4.19 Fil-futur qarib diġà ser ikun hemm bżonn passi biex jittejjeb it-tħaddim tal-qafas attwali għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Il-Kumitat jilqa' l-intenzjonijiet tal-Kummissjoni. L-azzjonijiet għall-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fis-swieq tal-enerġija, inklużi l-kwistjonijiet tal-konnessjoni mal-grilja, it-tariffi tal-grilja u l-ibbilanċjar, għandhom jittieħdu mingħajr dewmien.

Brussell, 13 ta' Diċembru 2012.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Staffan NILSSON

^(?) Ara l-punt 4.5 u www.eesc.europa.eu/eec

ANNEX

għall-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

L-emendi li għejjin inċaħdu waqt id-diskussjoni iżda rċewew aktar minn kwart tal-voti:

Punt 1.5

Ibdel it-test kif ġej:

"It-teknoloġiji tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli joffru opportunitajiet kbar għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-gassijiet b'effett ta' serra bħalma joffru wkoll teknoloġiji oħra li jużaw livell baxx ta' karbonju: il-faħam nadif, il-ħżin tal-elettriku, ir-reazzjoni għad-domanda, l-użu tal-karbonju, il-fissjoni u l-fużjoni nukleari, eċċ. F'ħafna każijiet, l-iżviluppi diġà huma promettenti b'mod ċar, u għandhom jiġheggu b'mod adegwat. B'mod partikolari, għandhom jiġu appoġġjati l-miżuri li juru kif jintużaw u l-użu bikri tat-teknoloġiji l-ġodda."

Riżultat tal-votazzjoni (il-punti 1.5 u 4.13 ġew invvutati u rifjutati flimkien)

Favur: 68

Kontra: 113

Astensjonijiet: 21

Punt ġdid 4.3

Żid punt ġdid wara punt 4.2:

"Fid-dawl tal-prezz dejjem ogħla tal-enerġija rinnovabbli, il-KESE jinnota li:

- Tul dawn l-aħħar snin, fil-waqt li l-prezz taż-żejt baqa' jogħla, l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli naqsu b'mod kostanti u rapidu. Dan ifisser li dal-waqt se jkunu jistgħu jikkompetu mal-karburanti fossili, li huma stess huma parzjalment sussidjati.
- Il-KESE jinnota li wisq probabbli l-prezz għall-karburanti fossili ser jogħla iżjed minħabba l-iskarsezza prevista fid-disponibbiltà u l-ispejjeż ta' produzzjoni ogħla.
- Fil-konferenza Rio+20 ta' dis-sena, l-UE ħadet l-impenn (ara l-Punt 225 tal-Istqarrija dwar ir-Riżultati) li telimina b'mod gradwali s-sussidji dannużi u ineffiċjenti għall-karburanti fossili li jħeġġu l-konsum ħali u jfixxlu l-iżvilupp sostenibbli. Skont l-istimi tal-Bank Dinji dawn is-sussidji jammontaw għal USD 775 biljun fis-sena. Jekk l-UE twettaq dan l-impenn, id-differenzi attwali bejn il-prezzijiet tal-karburanti fossili u l-enerġija rinnovabbli jonqsu, anke jekk ma jitwettaqx l-impenn l-ieħor, li l-ispejjeż esterni jiġu esternalizzati. Il-Kummissjoni hija mitluba tagħmel il-kalkuli rilevanti u tippublikahom.
- Fil-Ġermanja, bħala l-Istat Membru li ra l-ikbar żviluppi fl-enerġija rinnovabbli, inħolqot regola li l-konsumaturi l-kbar tal-enerġija jiġu eżentati minn ċerti spejjeż tal-elettriku rinnovabbli. B'hekk jiġi żgurat li l-kompetittività internazzjonali tagħhom ma tiġix mhedda. Il-lista ta' kumpaniji eżentati mill-hekk imsejjaħ "primjum" qed tiżdied u għalhekk l-ispiża qed tinġarr minn numru dejjem iżgħar ta' konsumaturi. Anke l-korsijiet tal-golf, il-produtturi tal-patata ċips u l-biċċeriji issa huma eliġibbli għall-primjum. Peress li dan fit li xejn għandu x'jaqsam mal-kompetittività internazzjonali, il-gvern Ġermaniż bħalissa qed jippjana li jiffirka billi jċekken il-lista b'mod radikali.
- Minħabba l-kapaċità għolja għall-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli fil-Ġermanja (kapaċità ta' 30 000 MW mill-enerġija mir-riħ u madwar 29 000 MW mill-enerġija fotovoltajka, meta mqabbla ma' madwar 10 000 MW mill-impjanti tal-elettriku nukleari), il-prezzijiet fil-boroż tal-elettriku huma fost l-inqas li qatt kienu, b'mod partikolari f'nofs il-ġurnata. Madankollu, għad li l-fornituri tal-elettriku jistgħu jixtru elettriku bl-irħis, ma jgħaddux dan it-tnaqqis fil-prezz lill-konsumatur!
- U minkejja dan, irrispettivament mill-ispejjeż tal-elettriku ogħla, hemm appoġġ għoli għat-transizzjoni fl-enerġija fost iċ-ċittadini Ġermaniżi. Dan minħabba li, fost affarijiet oħra, ħafna individwi, kooperattivi tal-enerġija li bdew dan l-aħħar u kumpaniji tal-utilitajiet muniċipali qed jipproduċu l-elettriku tagħhom stess, u b'hekk qed jaqilgħu l-flus u jholqu l-impjiegi fil-livell lokali."

Riżultat tal-votazzjoni

Favur: 69

Kontra: 105

Astensjonijiet: 21

Punt 4.13

Ibdel it-test kif ġej:

"It-teknoloġiji tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli joffru opportunitajiet kbar ~~bħalma joffru wkoll teknoloġiji oħra~~ għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-gassijiet b'effett ta' serra.: ~~il-faħam nadif, il-ħżin tal-elettriku, ir-reazzjoni għad domanda, l-użu tal-karbonju, il-fissjoni u l-fużjoni nukleari, jew it-tnaqqis ta' gassijiet oħra b'effett ta' serra bħall-metan, eċċ~~ F'haġna każijiet, l-iżviluppi huma promettenti b'mod ċar, u għandhom jitħeġġu b'mod adegwat. Kif diġà indika l-KESE haġna drabi, huwa importanti li l-istrumenti finanzjarji jiġu mfassla u mmirati b'mod korrett fir-rigward tal-maturità tat-teknoloġiji. B'mod partikolari, għandhom jiġu appoġġjati l-miżuri li juru kif jintużaw u l-użu bikri tat-teknoloġiji l-ġodda. Għal din ir-raġuni, ir-riżorsi tas-SET-Plan għandhom ikunu żgurati. L-azzjoni hija urġenti – jidher li s-settur tal-kumpaniji fl-Istati Uniti dal-aħħar żied l-investimenti globali fir-riċerka u l-iżvilupp tal-enerġija, b'konsegwenzi potenzjali għall-kompetittività Ewropea."

Riżultat tal-votazzjoni (il-punti 1.5 u 4.13 ġew ivvutati u rifjutati flimkien)

Favur: 68

Kontra: 113

Astensjonijiet: 20